MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 350/2004

**Jupiter Co Ltd**

**Vs**

**Theuma Alfred**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Frar 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1500 (elf u hames mitt Lira Maltin) rapprezentanti import ta' kambjali li mmaturaw u ma thallsux.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Tghid ghaliex m'ghandekx tigi kkundannat thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1500) rapprezentanti flus minnek dovuta bhala import ta' kambjali li mmaturaw.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz ilkoll kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

L-ammont mitlub mis-socjeta` attrici qed jigi kontestat ghas-segwenti ragunijiet u kwindi t-talba ghandha tigi michuda.

1. In-nullita ta' l-avviz peress illi jinsab nieqes minn diversi elementi fil-forma tieghu kif ghandu jirrizulta mill-atti processwali;
2. In-nullita tal-kambjali nvokati stante li huma neqsin minn elementi ghal validita taghhom partikolarment il-firma ta' mart il-konvenut, cioe` Giorgina Theuma;
3. Illi l-ammont huwa anqas minn dak mitlub stante li mal-prezentata ma kienux lahqu mmaturaw daqstant kambjali;
4. In-nullita tal-kambjali stante li l-firma tal-konvenut giet ottenuta permezz ta' kunsens li kien ivvizzjat;
5. Illi jezistu ragunijiet validi fil-ligi ghax-xogholijiet tan-negozju konness mal-kambjali kif ser jigi pretiz fil-kontro-talba.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta` attrici.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut fejn inghad:

In-negozju li biha l-konvneut xtara d-dghajsa minghand l-attur meritu kif precitat kambjali ghandu jigi rexiss minhabba vizzju fil-kunsens inkwantu

1. il-konvenut gie ppressat kontra l-volonta tieghu ghal tali trasfriment u
2. id-dghajsa li nghatat lill-konvenut ma hiex l-istess dghajsa li huwa kien ftehim li kellu jixtri u konsegwentement ghalhekk, is-socjeta` attrici ghandha tigi kkundannata thallas lura lill-konvenut il-flus kollha

minnu mhallsa akkont fl-ammont ta’ Lm1500 jew kwalunkwe ammont verjuri li jista jirrizulta.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta` attrici.

Ra r-risposta ghal istess kontro talba ta’ l-istess socjeta` attrici fejn inghad:

It-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonati ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:

1. Preliminarjament, is-socjeta` attrici teccepixxi n-nuqqas ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal biex jiddeciedi dwar ir-rexizzjoni ta’ kuntratt li l-valur tieghu jeccedi s-somma ta’ elf u hames mitt lira (Lm1500)
2. Fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` attrici teccepixxi li m’huwiex minnu li kien hemm vizzju fil-kunsens tal-konvenut rikonvenzjonat, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti rikonvenzjonati.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi t-talba attrici tikkoncerna fl-att ta’ pagament tas-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) in kontatt ghaxar kambjali esebiti a Fol 20 sal-31 tal-process. In vista tan-natura tal-kontro talba, fejn il-konvenut ecepixxa n-nullita tal-kambjali, il-konvenut kien ivvizjat, u fl-istess kontro talba talab il-presiljiment tal-kuntratt u ta’ dan l-ammont minnhu mhallas. It-Tribunal kif ritenut bil-ligi kostanti, fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin ta’ Frar tas-sena elfejn u hamsa (28/2/2005), akkorda z-zmien lill-konvenut jipprezenta kull citazzjoni minnhu tenuta opportuna sabiex jissana l-istess pretensjonijiet tieghu kif kontenuti sia fl-eccezzjonijiet tieghu u sia fil-kontro talba. Dan pero` baqa ma ghamlux. Fis-seduta tat-tnejn ta’ Frar tas-sena elfejn u sitta (2/2/2006), xehed il-konvenut minn jeddu u talab illi jipprezenta l-kawza opportuna wara debita ta’ zmien.

Illi t-Tribunal wara li ra x-xhieda ta’ Veronica Gauci bhala xhieda tas-socjeta` attrici, ra l-kambjal dokumentazzjoni esebita b’kuntratt ghal bejgh, ra x-xhieda ta’ l-istess konvenut u r-rapport minnhu prezentat kif redatt minn Anthony Dalli s-surveyor huwa ta’ l-oppinjoni illi l-konvenut ghandhu jinghata possibilita ohra illi jipprezenta dik l-azzjoni minnhu tenuta biex jissana l-eccezzjoni tal-kontro talba tieghu u dana minghajr ma jinvestiga jekk r-raguni moghtija minnhu hijiex gustifikata jew le, imma ghal ta’ l-inqas b’sens ta’ ekwita fil-konfront ta’ l-istess konvenut. Spejjes riservati ghal gjudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------